MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 129/2002/1

**Carmelo Magro.**

**vs.**

**Nathalie Magro.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Frar 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ghaddew ghac-cerimonja taz-zwieg fil-15 ta' April 1988.

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-partijiet ma kellhoxm id-diskrezzjoni mehtiega ghall-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi u essenzjali ghall-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex kien hemm anomalija psikologika serja li

taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbigi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens moghti mill-kontendenti ghaz-zwieg kien ivvizjat.

Illi ghalhekk l-attur talab li din il-Qorti:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ April 1988 u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-25 ta’ April 2002 a fol 10 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi hija taqbel li z-zwieg li gie ccelebrat bejnha u bejn l-attur fil-15 ta’ April 1988 huwa null u bla effett skond il-ligi izda dan b’tortijiet imputabbli biss lill-attur u dan peress li fl-ewwel lok huwa kien qed isofri minn difett serju ta’ diskrezzjoni mehtiega ghall-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali ghal hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex kien hemm anomalija psikologika li ghamlitha impossibbli ghall-attur li jassumi l-obbligi taz-zwieg, *oltre* illi l-kunsens tal-attur kien simulat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta’ Mejju 2002, 5 ta’ Novembru 2002, 5 ta’ Frar 2003, 7 ta’ Mejju 2003, u 3 ta’ Gunju 2003, fejn fl-ahhar seduta Dr. Luciano Busuttil informa lill-Qorti li pprova jikkomunika mal-attur bla success, u l-Qorti iddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u

l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat s-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli datati 30 ta' Jannar 2003,

Rat in-nota tal-konvenuta datata 5 ta' Marzu 2003 fejn esebiet l-affidavits taghha u ta' Josephine Decesare datati t-tnejn 27 ta' Frar 2003.

Rat ir-rikors tal-attur datat 23 ta' April 2003, u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Mejju 2003; rat li l-istess attur lanqas aderixxa ruhhu mal-istess u *di piu'* ma segwiex lanqas digriet identiku datat 15 ta' Mejju 2003 fejn inghata l-opportunita' jressaq il-provi tieghu bil-procedura tal-affidavit, u ghalhekk cahdet it-talba b'digriet datat 9 ta' Frar 2004.

Rat ir-rikors tal-attur datat 13 ta' Mejju 2003 u d-digriet datat 15 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba, izda l-attur baqa' ma pprezenta l-ebda xhieda tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (I) <u>PRINCPJI LEGALI.</u>

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita'

shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (**Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad*

*dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, I nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (**Pompedda, MF.,*** **"Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento"** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li *"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated"** ***(Montreal, 1993), p. 686).***

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi premess dan kollu, l-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina dak li jirrizulta mill-provi. Il-partijiet izzewgu fil-15 ta' April 1988 u zzewgu biss wara tlett xhur li kienu johorgu flimkien u dan peress li l-istess konvenuta inqabdet tqila; jirrizulta wkoll li l-istess konvenuta kellha infattwazzjoni fuq l-attur, tant li ghalkemm kienet ilha tohrog ma guvni b'serjeta' ghal hames snin, xorta hassret minn mieghu sabiex tohrog mal-attur. Minhabba l-istess tqala l-partijet izzewgu f'qasir zmien bla ebda preparamenti ta' xejn tant li kellhom imorru joqghodu ghand il-genituri taghha. Izda wara t-twelid tat-tarbija l-attur reggha beda jorhog wahdu u jghix hajja ta' guvni u hekk baqa' jaghmel tul il-konvivenza kollha tieghu mal-konvenuta, tant li spiss kien joxrob, jmantni lill-martu miserjament, u jdum jiddeverti barra bil-lejl ma' shabu; sahanistra kien isiefer ukoll ma' shabu, u anke' kellu

relazzjoni ma’ mara ohra u anke’ wasal sabiex refa’ idejh fuq martu u l-istess konvivenza spiccat wara hames (5) snin.

Illi sfortunatament dan huwa kaz klassiku ta’ zwieg li l-partijiet jidhlu fih ghaliex ihossu ruhhom kostretti li jaghmlu dan, minhabba haga jew ohra u mhux ghaliex verament jkunu jaslu li jaghmlu dan; f’dan il-kaz, bhal diversi kazijiet ohra quddiem din il-Qorti, kienet minhabba li l-konvenuta harghet tqila, u jidher li lill-konvenuta dan ma dejjaqha xejn, ghaliex litteralment kienet mignuna fuq l-attur, u kellha infattwazzjoni kbira fuqhu, haga li ammettiet hija stess; fil-fatt *nonostante* li kienet hierga min relazzjoni serja ma’ guvni iehor li kienet ilha ghaddejja hames (5) snin, hija izzewget lill-attur f’temp ta’ tlett (3) xhur, bla ebda arrangamenti lanqas materjali fejn kienu ser joqghodu, ghaliex verament ma kien hemm xejn ippreparat.

Illi huwa ovvju li l-konvenuta hassbet f’kollox hlief dwar il-kuncett ta’ zwieg, ghaliex jidher car li hlief ghall-infattwazzjoni li kellha ghall attur, u il-fatt li harget tqila minnu ma kienet taf xejn dwar x’tfisser hajja mizzewga, u fil-fatt lanqas kienet konxja tal-fatt li persuna tidhol ghaz-zwieg mhux b’dak il-mod u hsieb, izda b’impenn sod sabiex tghix hajja komunali mas-sieheb taghha, li jkollu wkoll l-istess sentimenti ta’ hajja ta’ familja u mhabba reciproka; jirrizulta minflok li l-istess konvenuta dahlet ghal dan iz-zwieg b’ghajneja maghluqa u sforz ic-cirkostanzi tat-tqala u xejn izjed b’dan ghalhekk li l-kunsens taghha kien vizjat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.** Ghal dan l-izball batiet qares, ghaliex jidher li hija qatt ma kienet rispettata mill-attur, lanqas bhala mara, peress almenu mix-xhieda moghtija f’din il-kawza jidher li l-attur kien jghix ghalih innifsu biss, kien disrispettuz lejn martu, u wkoll abbuza minnha bhala persuna.

Illi dan iwassal sabiex jigi kkunsidrat il-kunsens tal-attur, li baqa’ ma ta l-ebda xhieda f’din il-kawza *nonostante* li ghamel il-kawza huwa stess, u minkejja li inghata diversi opportunitajet sabiex jaghti x-xhieda tieghu; fil-fatt lanqas

mal-avukat tieghu ma kkominika kif jidher mill-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti. Intant abbazi tal-provi prodotti kemm mill-konvenuta u kemm minn ommha Josephine Decesare, jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta minhabba t-tqala imsemmija, u fil-fatt jinghad li l-partijiet izzewgu adirittura meta l-konvenuta kellha erba' xhur tqala; jidher li fuq dak li kien jghid l-attur lill-omm l-konvenuta wkoll huwa kien imdejjaq id-dar tieghu ghaliex kien jghid li l-genituri tieghu kienu il-hin kollu jiggieldu, u jidher li hares lejn dan iz-zwieg bhala l-liberazzjoni mill-hajja li kien qed jghix.

Illi izda mhux hekk kien ghaliex mill-ewwel beda ma jmantniex lill-konvenuta u lit-tarbija hlief b'somma ta' Lm20 fil-gimgha, u minflok qaghad ghar-responsablitajiet ta' ragel u missier, insista li jghix hajja ta' guvni, fejn kien iqatta' ljieli ma' shabu jixrob u jiddeverti u sahansitra jsiefer minghajr ma jghid lill-konvenuta; wasal anke' biex sawwat lill-konvenuta u minn dan kollu jidher li l-attur qatt ma kellu d-disposizzjoni taz-zwieg, izda ried biss jinqeda biz-zwieg ghar-ragunjiet egositici tieghu, u fil-fatt qatt ma ta kaz ta' martu u tal-wild tieghu, u ghalhekk il-kunsens tal-attur huwa wkoll vizzjat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi mill-kumpless tal-provi kif hawn fuq delineati, jirrizulta li fil-15 ta' April 1988 ma nholoqx zwieg validu bejn il-partijiet peress li kemm il-kunsens tal-attur kif ukoll tal-konvenuta kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha. Huma qatt ma wrew li kellhom dik il-maturita' affettiva u l-maturita ta' gudizzju mehtiega sabiex jaghtu l-kunsens taghhom ghal dak il-*consortium totium vitae* li hu zwieg. Dan in-nuqqas serju ta' diskrezzjoni u gudizzju huwa evidenzjat kemm mir-raguni ghala pprecipitaw ghaz-zwieg minhabba it-tqala tal-konvenuta, u wkoll minhabba l-infattwazzjoni taghha lejn l-attur min-naha, fil-waqt li l-attur ried hajja ohra l-boghod mid-dar tal-genituri tieghu.

Illi ghall-motivi premessi, l-Qorti tirritjeni li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett abbazi tal-fatt li

l-kunsens tal-partijiet kien *"vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".* **Artikolu 19 (1) (d) tal Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod kontrastanti ma' dak premess, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta' April 1988 u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------